MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1356/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Alan Falzon a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Alan Falzon**

**Vs**

**Alfred Caruana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm329.47c) rapprezentanti danni subiti f'kollizjoni li sehhet fit-22 ta' Mejju, 2002 fit-7.55am gewwa Triq l-Industrija, Marsa bejn vettura misjuqa mill-attur Alan Falzon bin-numru AAG 856 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru HAT 454.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa kkontesta r-responsabbilta' ta' l-incident.

Sema' x-xhieda ta' PS 1067 Mario Spiteri, Alan Falzon, Anthony Savona, Alfred Caruana u bintu Judith Caruana.

Ra d-dokumenti esebiti u d-digriet tat-22 ta' Settembru, 2003 sussegwenti l-verbal tat-22 ta' Jannar, 2004 fejn il-partijiet qablu li din il-kawza tinstema' kontestwalment mal-kawza Lentini Vs Falzon, Avviz numru 1424/03.

Illi konsegwentament iz-zewg kawzi mxew flimkien u l-provi f'wahda servew ghall-kawza l-ohra.

**Ikkunsidra**

Illi a skans ta' repetizzjoni, t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal fis-seduta tal-lum fil-kawza fl-ismijiet John Lentini nomine Vs Alan Falzon, Avviz numru 1424/03, u l-istess konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet hawn taht riprodotti japplikaw *mutatis mutandis* ghal din il-kawza:

"Il-kollizjoni sehhet fi Triq l-Industrija, Marsa fil-gurnata tat-22 ta' Mejju, 2002 fit-7.55am cjoe' waqt il-hin tar-*rush hour* u certament kien hemm volum kbir ta' traffiku. L-karozza misjuqa minn Caruana kienet gejja minn Santa Lucija u waqfet qabel ma taqbad Triq l-Industrija fejn hemm il-post maghruf bhala Schembri (jew Emlite) Batteries. Caruana kien fit-tieni lane. Meta kien hemm *lull* fit-traffiku hareg ghal fuq Triq l-Industrija u zamm mat-tieni lane. Dakinhar kienet ix-xita u kien hemm volum qawwi ta' traffiku. Caruana jghid li x'hin hareg fuq Triq l-industrija kien hemm hafna traffiku u kellu jieqaf billi kien waqaf it-traffiku ta' quddiemu u waqt li kien ilu wieqaf madwar ghaxra jew hmistax-il sekonda, f'daqqa wahda sema' hoss ta' *brake* u gie milqut mill-karozza misjuqa minn Alan Falzon, fuq in-naha ta' wara.

Falzon ighid li huwa kien miexi fi Triq l-Industrija u f'daqqa wahda l-karozza misjuqa minn Caruana harget minn fuq

*side road* ghal fuq *main road* u mblukkatlu l-kareggjata. Huwa ghafas il-*brake* izda l-karozza tieghu skidjat u laqtghet il-vettura ta’ Caruana.

Il-vetturi tressqu minn fuq il-post sakemm gie fuq il-post PS 1067 Mario Spiteri billi gew ordnati li jaghmlu hekk mill-pulizja tat-traffiku u b’hekk ma gietx pprezentata *sketch* ufficjali. L-partijiet ghamlu *sketch* bejniethom izda lanqas din l-i*sketch* ma giet esebita.

Huwa relevanti li jigi osservat id-diskors li z-zewg sewwieqa qalu lis-Surgent Spiteri a tempo vergine. Caruana qallu li waqaf fuq l-i*stop sign* fi Triq l-Industrija u kif beda hiereg ghal hdejn Emlite Batteries it-traffiku rega’ waqaf u kif kien hekk wieqaf, il-vettura misjuqa minn Falzon li kienet gejja minn fejn Super One, skidjat u dahlet go fih. Falzon qal lis-surgent li hu kien qed isuq fi Triq l-Industrija bl-intenzjoni li jibqa’ sejjer lejn il-Belt hdejn il-BIM meta “harget il-vettura l-ohra u habat go fija”.

It-Tribunal jidhirlu li x-xhieda moghtija minn Caruana hija aktar vero simili. Fl-ewwel lok jigi rilevat illi x-xhieda li huwa ta quddiem it-Tribunal tikkombacja perfettament mal-verzjoni li l-istess sewwieq ta lis-surgent dak il-hin ta’ l-incident. Huwa anke gie korroborat mit-tifla tieghu li kienet passiggiera mieghu. Inoltre jirrizulta li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fuq il-bieba ta’ wara fin-naha tal-lemin u l-parti ta’ wara ta’ l-istess vettura. L-vettura misjuqa minn Falzon garrbet hsara fil-*bumper* ta’ quddiem u fil-*wing* ta’ quddiem fin-naha tax-xellug.

Jirrizulta illi l-kollizjoni grat fil-kisra tat-triq li hemm fi Triq l-Industrija.

Huwa ghalhekk evidenti li l-impatt bejn iz-zewg vetturi kien bejn il-parti ta’ quddiem min-naha tax-xellug tal-karozza ta’ Falzon mal-parti ta’ wara fuq in-naha tal-lemin tal-karozza ta’ Caruana. Dan ifisser li, kif xehed Caruana, u kontra dak li qal Falzon lis-surgent dak il-hin ta’ l-incident, kienet il-karozza ta’ Falzon li dahlet go wara l-karozza ta’ Caruana.

Fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal, Falzon ighid li Caruana hareg minn fuq l-i*stop sign* u meta bbrejkja l-karozza tieghu skidjat izda lis-surgent qallu li din il-karozza ta’ Caruana kienet harget u habtet go fih.

Huwa evidenti li Falzon jahti unikament ghall-incident billi jew ma zammx *proper lookout* jew inkella kien qed isuq b’mod skonsiljat u mprudenti tenut kont ta’ l-istat imxarrab tat-triq u tal-volum tat-traffiku.  Huwa sab ruhu pprezentat b’sitwazzjoni li holoq huwa stess billi ma saqx b’mod prudenti bizzejjed.  Meta ghafas il-*brake* l-manuvra tieghu ma kienetx effikaci bizzejjed b’rizultat li l-karozza tieghu ma waqfitx fil-pront.  Din skidjat ghal fuq il-karozza ta’ Caruana.  S-sewqan ta’ Caruana bl-ebda mod ma jista’ jigi kkritikat.  Huwa kien gja fuq il-*main road* meta sehh l-incident u ma jirrizultax li l-incident sehh minhabba li Caruana hareg mis-*side road*. Minghajr l-ebda ezitazzjoni t-Tribunal jidhirlu li l-kawza prossima tal-kollizjoni kien is-sewqan skonsiljat u mprudenti ta’ Falzon.”

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------